KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 470 (9-11)

It-Tnejn 10 ta' Marzu 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia
Il-Kunsillier Christopher Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia (daħlet għal-laqgħa fis-6.15pm)
Il-Kunsillier Albert Pace (daħal għal-laqgħa fis-6.20pm)
Il-Kunsillier Charles Vassallo

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

ASSENTI

Il-Kunsillier Dominic Grech

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi – 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi SĠW 1073
t +356 2146 6000 f +356 2146 2946
e siggiewi.lc@gov.mt w www.siggiewi.gov.mt KLSiggiewi

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**470.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**470.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Dominic Grech.

**470.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 469. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsillier Christopher Farrugia ssekonda. Il-Kunsill approva il-Minuti bħala dokument korrett.

**470.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma kienx hemm punti mill-Minuti.

**470.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**470.3.1** Is-Sindku rrefera għal komunikat dwar PA/00955/23 biex issir bankina temporanja għal waqt kostruzzjoni. Is-Sindku qal li peress li l-pjan terran issa huwa lest, jistgħu jipproċedu bit-tneħħija tal-ħajt (boundary wall), il-bini tal-culvert, u l-ħolqien ta' passaġġ sikur taħt l-armar (simili għal dak li hemm fit-Triq il-Knisja l-Qadima). Huwa qal li t-triq hija dejqa wisq biex issir il-bankina proposta. Il-Kunsill unanimament qabel ma' kif propost mis-Sindku.

**470.3.2** Is-Sindku rrefera għal talba biex isiru żewġ zebra crossings temporanji waqt kostruzzjoni fi Triq Dun Ġużepp Aquilina. Is-Sindku qal li l-installazzjoni ta' żewġ zebra crossings mhix l-aħjar soluzzjoni peress li se tirriżulta f'telf ta' ammont sostanzjali ta' spazji ta' parkeġġ. Huwa rrakomanda li jsir passaġġ bl-użu taż-żebgħa u t-tqegħid ta' studs retroreflective. Din il-metodoloġija ntużat fi Triq id-Demnuq. Il-Kunsill qabel ma' kif propost mis-Sindku.

**470.3.3** Korrispondenza minn Transport Malta rigward talba ta' Communial Reserved Blue Parking fi Triq id-Demnuq. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba. Normalment, communal reserved parkings ikunu mitluba mill-kunsill f'żoni frekwentati, bħal ħdejn il-knisja, ħdejn l-iskola, eċċ. Peress li Triq id-Demnuq hija żona residenzjali u mhemmx frekwenza partikolarment, il-Kunsill ma qabilx li jkun hemm blue bay oħra 'communal'. Din tgħodd ukoll għat-talba simili fi Triq Sta. Margerita. Is-Sindku informa li qed isir eżerċizzju biex kaxxi eżistenti li m'għandhomx l-approvazzjoni neċessarja jitneħħew u f'każ li jkun hemm xi ħadd li għandu bżonn kaxxa riservata, l-Kunsill joffri l-assistenza neċessarja biex issir l-applikazzjoni u tiġi evalwata mill-awtorita' kompetenti. Il-Kunsillier Albert Pace qal li jaqbel ma' din il-proposta u li l-persuni jiġu provduti bl-applikazzjoni u assistenza fejn hemm bżonn. Il-Kunsill unanimament qabel.

**470.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**470.5** **Aġġornament – Dekasteri u responsabbiltajiet**

**470.5.1** Il-Viċi Sindku informa li x-xogħol fuq l-istatwa ta' San Pawl tlesta. Hu qal li l-programm ta' Jum is-Siġġiewi għaddej kif pjanat. Qed isiru l-aħħar preparamenti għall-kunċert 'Melodies of Friendship' ukoll bħala parti mill-proġett Cerv.

**470.5.2** Il-Kunsilliera Francine Farrugia saqsiet jekk instabitx persuna biex tieħu ħsieb il-librerija tal-Ġnien Citta' Ferdinand, kif kien miftiehem mal-Aġenzija tal-Litteriżmu tingħata voucher. Is-Sindku qallha biex tieħu ħsieb il-kuntatti biex tinstab persuna. Il-Kunsillier Francine Farrugia qalet li llum saret l-ispecial assembly mal-istudenti tal-

Iskola primarja bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum is-Siġġiewi. Hija qalet li ġew mistednin il-Kunsill tat-tfal biex jattendu għal Seduta tal-Kunsill kif kienet ix-xewqa tagħhom. Irreferiet għall-komunikazzjoni biex jiġu fis-Seduta ta' April u qalet li hi mhix ser tkun preżenti dakinhar minħabba safar.

**470.5.3** Il-Kunsillier Charles Vassallo informa li ż-żjara tal-mobile dental unit kienet suċċess, fejn kien hemm 37 walk-ins. Hu qal li qed jikkoordina għal żjarat simili relatati mas-saħħa. Infurma li l-attivita' ambjentali li jmiss 'Clean-up' ser issir fil-5 t'April 2025 fiż-żona ħdejn il-kumpless sportiv. Hu ħeġġeġ lill-kunsilliera biex iħajru lill-għaqdiet jipparteċipaw. Il-Kunsillier Vassallo qal li t-tindif fiż-żona rurali bi preparazzjoni għall-attivita' tal-mixegħla beda, u qed isegwi il-pjanta tat-toroq biex ix-xogħol jitlesta. Hu qal li rigward abbuż ta' rimi, qed isegwi għall-infurzar permess tal-cameras installati, b'koordinament kemm mal-Pulizija tal-Komunita' u anka Lesa u ERA, u inħarġu diversi kontravenzjonijiet u twissijiet. Hu qal li ser jibda jaħdem ukoll fuq attivita' ambjentali fl-okkażjoni tal-Clean up the World f'Settembru li għaliha l-kunsill applika għall-fondi. Qed tinġabar ukoll informazzjoni dwar radam u materjal ta' kostruzzjoni mormi fil-kampanja biex isir it-tindif bil-makkinarju taħt l-iskema tar-Reġjun.

**470.5.4** Il-Kunsillier Albert Pace qal li qed ikompli jikkoordina mad-Dipartimenti rigward ix-xogħol f'Għar Lapsi. Hu semma wkoll it-tindif tat-taraġ ta' Għar Lapsi li hu żona ta' Natura 2000. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li jkollna ritratti tal-post ħalli jsir komunikat ma' Ambjent Malta.

**470.5.5** Il-Kunsillier Christopher Farrugia li fl-1 ta' Marzu saret l-attivita' sportiva mar-Reġjun Punent, u qal ukoll li qed jikkoordina għall-attivita' ta' Combat. Hu qal li l-MTA taw sponsor ta' €3000 fejn ser ikunu qed jibagħtu il-ftehim lill-Kunsill. Informa wkoll li fil-31 ta' Marzu 2025 ser isir futbol tournament ad unur Donald Buhagiar. Hu talab li l-Kunsill iħallas l-ispiża tal-first aid, madwar €100.

**470.6** **Aġġornament - Proġetti infrastrutturali u inizjattivi**

**470.6.1** Family Park

Is-Sindku qal li llum tkompla jsir l-afaltar. Jonqos li jiġu livellati it-tappieri u l-aħħar saff. Wara t-tkomplija tax-xogħolijiet minn Infrastructure Malta, ikun imiss Triq Blat il-Qamar. Rigward il-kuntratt, is-Sindku qal li wara xhur jitlob kopja, ġiet riċevuta kopja ta' ftehim biex jiġi ffirmat. Hu qal li talab laqgħa mal-Indis biex jiġu ċċarati xi klawsoli, fosthom garanzija ta' 30 sena fuq il-ġnien.

**470.6.2** Ġnien Ramija

Is-Sindku qal li ġiet skedata laqgħa biex jiġi diskuss il-handover tal-ġnien, tisqija u manutenzjoni. Il-Kunsillier Charles Vassallo talab li jkun preċenti.

**470.6.3** Xogħol ta' resurfacing

Is-Sindku qali li kif diġa semma it-triq li jmiss fil-pjan ta' toroq ta' infrastructure Malta hija Triq Blat il-Qamar. Huwa qal li l-kundizzjoni tat-triq iddeterjorat. Qal ukoll li ġiet sottomessa l-pallikazzjoni ma' Transport Malta għal arranġament tat-traffiku one way ma' Triq il-Girgenti.

**470.6.4** Vjal Kulħadd

Is-Sindku qal li qed isir survey tat-triq. Hu qal li qabel jibda x-xogħol, għandu jgħaddi il-cable tal-Enemalta, li huwa proġett b'fondi ewropej, imbagħad eventwalment ikun jista' jibda l-proġett. Il-Kunsillier Albert Pace staqsa jekk ġietx sottomessa l-applikazzjoni għal parkeġġ temporanju fil-bypass. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fl-affermattiv.

**470.6.5** Xogħolijiet f'Ramija mill-Public Works
Is-Sindku qal li x-xogħolijiet ta' asfaltar fil-fetħa quddiem il-garaxxijiet tlesta. Issa jonqos is-senjaletika tat-traffiku.

**470.6.6** Proġett ta' rinovament ta' Triq Dun Manwel Zammit
Is-Sindku qal li bħal ma diġa infurmati, il-fondi tal-LESA ġew trasferiti għal proġett ta' rinnovament ta' din it-triq. Hu qal li ż-żewġ zebra crossings lesti u ġew jiswew mas-€17,000. Qed isiru wkoll tiwsija ta' bankini mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet u ser isir tindif ta' parti parallela mat-triq li bħalissa mitluqa u tintuża għal abbuż ta' rimi. Hu qal ukoll li ser isiru sinjali tat-traffiku u marki għal aktar sigurta' u jitħawlu numru ta' siġar. Ser isiru wkoll bankijiet u numru ta' konteni turi tal-iskart.

**470.6.7** Lattrina tal-Girgenti
Is-Sindku qal li x-xogħol mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet miexi ġmielu, fejn bħalissa għaddej id-dawl u qed jitwaħħal il-madum. Ser ikun hemm bżonn tintalab estensjoni mir-Reġjun Punent għaliex sa Marzu ix-xogħol ikun għadu għaddej.

**470.6.8** Lattrina Pjazza San Nikola
Is-Sindku informa li l-applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar ġiet sottomessa. Hu qal li din qed tiġi segwita mill-Perit tal-Kunsill.

**470.6.9** Alterazzjonijiet fl-islipway F'Għar Lapsi
Is-Sindku preżenta korrispondenza mill-Public Works Department (CSU) fejn qed jipproponu tranġar tal-islipway billi tidjieq u tiġi 3 jew 4 metri. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel mal-proposta tal-4 metri. Is-Sindku talab lill-Kunsillier Albert Pace biex jiltaqa' mad-Dipartiment fil-post flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv biex tiġi diskussa din il-proposta.

**470.7** **Aġġornament – Attivitajiet ta' Jum is-Siġġiewi 2025**

**470.7.1** Is-Sindku elenka l-attivitajiet ta' Jum is-Siġġiewi li saru diġa':
l-attivita' sportiva kkoordinata mill-Kunsillier Christopher Farrugia u r-Reġjun
l-attivita' tal-karnival b'kooperazjoni mal-Ħbieb tad-Dar tal-Providenza bis-sehem ta' residenti tad-Dar
il-quddiesa ta' ringrazjament
Is-Sindku rringrazja b'mod speċjali lil min ta sehem fil-koordinament tas-Serata tal-għoti tal-Unuri. Hu qal li din kienet serata fejn spikkat il-kultura u t-talent lokali bis-sehem ta' diversi Siġġiwin. Il-Viċi Sindku qal li kellna ħafna kummenti pożittivi.

Is-Sindku qal li s-Sibt li ġej imiss attivita' għaż-żgħażagħ imtella' minn JEF Malta bit-titlu EU on Wheels, b'attivitajiet interattivi fuq ambjent, kultura u demokrazija fuq livell ewropew għall-livell lokali.

Fit-22 ta' Marzu imiss attivita' ambjentali ta' taħwil ta' numru ta' siġar mogħtija minn Ambjent Malta, fi Triq Salvu Borg Olivier. Hu qal li din l-attivita' ser tkun bis-sehem ta' numru ta' tfal.

Fit-28 ta' Marzu, ngħalqu il-kalendaru b'kunċert 'Melodies of Friendship' fil-Parroċċa, flimkien ma' 13-il pajjiż ieħor bħala parti mill-proġett Ewropew CERV. Dan il-kunċert ser ikun ffinanzjat mill-proġett stess.

**470.8** **Aġġornament – Pjazza San Nikola**

**470.8.1** Is-Sindku qal li l-perijodu ta' tiwssija issa għadda u l-awtoritajiet tal-infurzar qegħdin joħorġu l-kontravenzjonijiet. Jidher li s-sistema qegħda taħdem, u l-pjazza diġa tidher li qed ikun hemm inqas konfużjoni. Is-Sindku qal li issa jmiss li jiġi organizzat it-trasport pubbliku u jibdew jieqfu fi' Triq Mons Mikiel Azzopardi. Hu qal li qiegħed f'komunikat mal-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku.

**470.8.2** Il-Kunsillier Albert Pace qal li hemm bżonn jiġu ranġati l-parkeġġi quddiem Dar Ommna Marija. Is-Sindku qal li rridu nistennew l-approvazzjoni tal-pjan ħolistiku biex ikun jista' jiġi attwat.

**470.9** **Tenders**

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li:

**470.9.1** LCS48/24 PV Panels qed jiġi evalwat mill-Inġiniera tal- Aġenzija tal-Ilma u l-Enerġija u intbagħtu diversi kjarifiċi lill-offerenti.

**470.9.2** LCS2/25 Public Conveniences qiegħed ippublikat u jagħlaq fl-20 ta' Marzu 2025

**470.9.3** LCS17/25 Civil Works qiegħed ippublikat u jagħlaq fl-10 t'April 2025

**470.9.4** Il-Kunsillier Albert Pace staqsa jekk it-tender ta' Għar Lapsi jinvolvix persuna li tattendi l-lattrina. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv u qalet li kieku jinvolvi budget ikbar. Hija qalet li xi snin ilu, Għar lapsi kien klassifikat bħala żona turistika u kien hemm proposta biex id-dipartiment jiprovdi persuna mal-lattrina fix-xhur tas-Sajf iżda dan ma kienx seħħ. Il-Kunsillier Pace semma l-possibilta' li jkun hemm xi ħlas għal min juża l-lattrina biex din tinżamm kundizzjoni tajba u tkun tista titpoġġa persuna. Il-Kunsillier Pace qal lis er jitkellem din il-proposta tad-Dipartiment tal-Cleansing.

**470.10** **Proġetti CERV**

**470.10.1** Proġett GreenMove
Is-Sindku qal li saret l-ewwel konferenza tal-Proġett Greenmove, li s-Siġġiewi huwa partner fiħ. Din saret f'Corfu fit-28 ta' Frar u l-1 ta' Marzu. Minħabba impenji ta' Jum is-Siġġiewi, il-parteċipazzjoni tiegħu u tas-Segretarju Eżekuttiv saret virtwalment fejn sar intervent fuq is-suġġett.

**470.10.2** Proġett GreenPulse
Is-Sindku qal li l-proġett f'Betera ser isir mis-16 sad-19 ta' Marzu, bil-parteċipazzjoni ta' membri tal-Kunsill u żgħażagħ mis-Siġġiewi, total ta' 25 persuna. Huwa qal li din hija l-ewwel esperjenza li ser jittella grupp daqshekk kbir u li din ser tkun esperjenza sabiħa fejn flimkien mal-Kunsill ta' Betera ser naqsmu ideat u inizjattivi fuq tema ambjentali.

**470.10.3** Proġett Echogreen
Is-Sindku qal li dan huwa l-ewwel proġett li s-Siġġiewi qed imexxi bħala leader. Hu qal li t-tħejjijiet għal daw il-jumejn mexjin tajjeb, fejn ser isiru żewġ konferenzi bil-parteċipazzjoni ta' studenti mill-Kulleġġ San Injazju, kemm primarja u anka sekondarja, b'diversi speakers speċjalizzati. Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera jkunu preżenti fit-28 u d-29 ta' Marzu, flimkien ma' 13 -il delegazzjoni li ħa jiffirmaw patt ta' ġemellaġġ għal tema ambjentali. L-attivita' ittemm b'kunċert fil-knisja arċipretali biex b'hekk inkunu temmejna wkoll il-kalendarju ta' attivitajiet ta' Jum is-Siġġiewi 2025.

**470.11** **Fondi Reġjonali 2025 – Skart**

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega.

Is-SE elenkat il-fondi reġjonali disponibbli din is-sena fejn jirrigwarda l-iskart.

- Separazzjoni tal-iskart matul il-festi rimbors massimu ta' €3000
- Kampanja ta' tindif estensiv, rimbors massimu ta' €3000
- Xiri ta' kontenituri tal-iskart, massimu €2000

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tikkoordina mal-Kunsillier Charles Vassallo rigward dawn il-fondi biex jiġu utiliżżati bl-aħjar mod bħas-snin preċedenti.

**470.12** **GAL – Miżura 3 – Promotion of the Cultural Heritage**

**470.12.1** Is-Sindku informa li l-applikazzjoni għal Miżura 3 – Promotion of the Cultural Heritage, MAGF/TAF/M3/001 – Promoting the cultural heritage of Siggiewi with the young children, ġiet aċċettata għall-finanzjament ta' €10,000. Hu qal li għal dan il-proġett ser jiġi ppublikat ktejjeb kulturali għat-tfal, ser isiru wkoll filmati qosra b'tema kulturali li anka jistgħu jintużaw barra minn xtutna.

**470.13** **Skemi finanzjarji DGL:**

**470.13.1** **SPI.SCI.05.2025 - Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Karnival 2026 (Data ta' l-għeluq – it-Tlieta, 17 ta' Ġunju 2025)**
Is-Sindku preżenta applikazzjoni għal espressjoni ta' interess għall-attivita' tal-karnival 2026, simili għal dik li kien hemm din is-sena. L-iskema tiffinanzja massimu ta' €5000. Is-Sindku propona li l-kunsill japplika għal attivita' karnivaleska b'kollaborazzjoni mal-Ħbieb tad-Dar tal-providenza, liema attivita' issir bil-għan li jinġabru fondi għad-Dar tal-Providenza. L-attivita' issir ukoll bis-sehem tar-residenti tal-istess Dar. Il-Kunsill unanimament qabel ma' dak propost. L-applikazzjoni tagħlaq fis-17 ta' Ġunju 2025.

**470.13.2** **SPI.SCI.06.2025 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali (Data ta' l-għeluq - it-Tlieta, 24 ta' Ġunju 2025);**
Is-Sindku preżenta l-iskema kif imsemmija u talab lis-segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-SE qalet li din l-iskema tkopri il-85% tal-finanzjament u tiffinanzja massimu ta' €100,000 inkluż il-VAT. Il-15% ikunu koperti minn fondi lokali. Is-Sindku propona li għal din l-iskema l-Kunsill japplika għal tibdil tal-play area fil-Park ta' Għar Lapsi, liema park kien sar mill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku qal li dan il-park huwa frekwentat minn ħafna nies kemm Siġġiwin u anka mhux, b'mod speċjali fis-Sajf iżda anka fix-xitwa. Il-Kunsill unanimament qabel. L-iskema għandha tiġi sottomessa sal-24 ta' Ġunju 2025.

**470.13.3** **SPI.SCI.07.2025 - Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta Kwalità (Data ta' l-għeluq – it-Tlieta, 29 ta' Lulju 2025).**
Is-Sindku preżenta l-iskema kif imsemmija u talab lis-segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-SE qalet li din l-iskema tkopri il-85% tal-finanzjament u tiffinanzja massimu ta' €30,000 inkluż il-VAT. Il-15% ikunu koperti minn fondi lokali. Is-Sindku propona li għal din l-iskema, il-Kunsill japplika għall-rinnovament tal-bandli ta' Għar Lapsi park. bdil tal-makkinarju, bdil tas-safety flooring u bdil fis-sistema elettrika. Huwa qal li l-open gym huwa frekwentat minn nies ta' eta' differenti, minn żgħażagħ għal anzjani, u l-magni ilhom jiġu imsewwija għal diversi snin. Hu qal li din il-faċilita' għandha tinżamm f'kundizjoni tajba biex tħajjar in-nies jagħmlu eżerċizzju fiżiku filwaqt li jgawdu l-arja nadifa u l-veduti sbieh tal-wied. Hu qal li it-trakka tal-ġiri tinsab f'kundizjoni tajba peress li milhiex li saret taħt skema oħra. Il-Kunsill unanimament qabel. L-iskema għandha tiġi sottomessa sad-29 ta' Lulju 2025.

**470.14** **Tismija ta' toroq**

**470.14.1** Is-Sindku rrefera għal talba mill-Kumitat tismija ta' toroq biex il-Kunsill jagħti isem lil toroq rurali mingħajr isem uffiċjali. Is-Sindku wera pjanta mmarkata b'kuluri differenti li tindika it-toroq in kwistjoni. Hu propona daw l-ismijiet:

kulur aħdar: Triq id-Dar tal-Providenza
kulur blu: Triq il-Kappella tal-Providenza
kulur vjola: Triq Santa Marija
kulur iswed fi Triq Santa Marija: Sqaq fi Triq Santa Marija (jew Sqaq Santa Marija)
kulur aħmar: Triq ta' Lanza
kulur iswed fi Triq Ta' Lanza: Sqaq fi Triq ta' Lanza (jew Sqaq Ta' Lanza)
(il-benniena) it-triq bejn is-Siġġiewi u Ħaż Żebbuġ tissemma Triq iż-Żewġt Ibliet.

Il-Kunsill unanimament qabel mal-ismijiet proposti.

**470.15** **Attivita' Sportiva COMBAT**

**470.15.1** Is-Sindku talab lill-Kunsilllier Christopher Farrugia jispjega.

Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li kellu laqgħat ma' stakeholders fejn qed jiprova jġib għajnuna finanzjarja. Hu qal li MTA għandhom jibagħtu abbozz ta' ftehim għal sponsorship ta' €3000. Qal li r-Reġjun Punent qed jistenna stima tal-ispiża tal-pulizija u items oħra.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jiffinanzja:
l-permessu u 15-il barrier
jieħu ħsieb il-clearance u l-pulizija extra għal clearance
Pulizija
Trophies (skont il-proposta €450) , sound u dwal (skont il-proposta €2500), suġġett għal fianzjament tal-MTA
Użu tas-sala tal-Kunsill għall-atleti waqt l-attivita'

Il-Kunsill unaniment qabel ma' din il-proposta.

**470.16** **Ftehim Siġġiewi Football Club**

**470.16.1** Is-Sindku preżenta l-abbożż tal-ftehim rivedut. Hu qal li l-ftehim għandu jkun għal sena. Hemm xi korrezjonijiet żgħar u nistgħu ngħaddu għal ftehim. Il-Kunsill unanimament qabel mal-ftehim kif preżentat.

**470.17** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**470.17.1** Is-Sindku ddikjara konflitt ta' interess fl-applikazzjonijiet: PA5169/24, PA5577/24, PA3903/24, PA00960/25, PA84010/24.

**470.18** **Rapport tal-Korrispondenza**
Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**470.19** **Rapport tal-ilmenti**
Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**470.19.1** Il-Kunsillier Charles Vassallo rringrazja l-istaff tal-Kunsill għal mod kif qed jittratta l-ilmenti ri1evuti, r-rapporti u l-feedback.

**470.20** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva.

**470.21** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**470.21.1** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li hemm bżonn patching tat-trinek fi Triq it-Tabib Nikola Zammit.

**470.21.2** Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li hemm bżonn manutenzjoni u tiswija fil-bus shelters Triq il-Għid u l-ieħor tat-tarf tal-Bypass. Is-Sindku qal li fil-jiem li ġejjin hemm skedata laqgħa mal-kumpanija Faces biex nistaqsu dwar kif ser nimxu fil-proċess tal-bus shelters wara din dan ilu wieqaf għal diversi snin minħabba kawża legali.

**470.21.3** Il-Kunsillier Christopher farrugia talab biex isiru l-gutters u dwar fil-parti ta' Ramija fejn il-garaxxijiet. Is-Sindku wieġeb li dan il-proġett mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet għadu għaddej. Il-Kunsillier Farrugia qal ukoll li hemm lok li jiżdiedu l-bankijiet fil-ġnien il-ġdid ta' Ramija.

**470.21.4** Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li kellmuh diversi residenti rigward kwistjoni fi Triq il-Palazz tal-Verdala fejn sar xogħol minn Infrastructure Malta u hemm parti mit-triq li hija magħluqa mill-privat. Hu staqsa jekk din l-art fil-fatt hix privata jew pubblika. Is-Sindku wieġeb li minn informazzjoni dik il-biċċa art ma ġietx devoluta iżda qatt ma rċevejna informazzjoni uffiċjali. Il-Kunsillier Farrugia staqsa jekk tistax tinġieb informazzjoni uffiċjali ħalli l-Kunsill ikollu informazzjoni korretta.

**470.21.5** Il-Kunsillier Christopher Farrugia semma double yellow lines fi Triq Lapsi jekk jistgħux jiċkienu. Is-Sindku wieġeb li dawn qegħdin hemm skond ir-regolamenti tat-traffiku.

**470.22** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**
Il-laqgħa intemmet fit-8.45 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 7t'April 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 7t'April 2025

| | |
|---|---|
| Il-Perit Julian Borg | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |